

# Xogħlijiet fil-Każin



**John Schembri**
Direttur

Ninsabu resqin lejn il-festa tagħna l-Mellieħin, il-festa ta' Marija Bambina. Għaddiet sena oħra minn meta kont qed nikteb dan il-messaġġ u matul din is-sena l-ħidma fil-każin baqgħet għaddejja.

Hekk kif għaddiet il-festa tkompla x-xogħol ta' tisbiħ li kien diġà beda qabel fis-sulari ta' fuq tal-każin. Nistedinkom taslu wasla sal-każin biex taraw dan il-proġett biex wieħed ikun jista' japprezza x-xogħol li ħafna minnu sar b'mod volontarju. Għalhekk permezz ta' dan il-messaġġ nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu fil-ħin liberu tagħhom biex dan il-proġett seta' jseħħ. Nirringrazzja lill-kumitat tan-nisa li minn żmien għal żmien kienu jinżlu jnaddfu biex il-każin seta' jinżamm nadif. Nirringrazzja wkoll lill-barman u lill-familja tiegħu li dejjem sibna kooperazzjoni magħhom meta stajna ħloqna xi inkonvenjent għalihom matul iż-żmien li kien qed isir dan ix-xogħol.

Barra minn dan il-proġett li ħa ħafna mill-ħin tagħna, ikun hemm diversi attivitajiet li jsiru matul is-sena. Din is-sena, għall-ewwel darba, is-sezzjoni żgħażagħ flimkien mas-Sur Edmond Camilleri ħadmu biex intrama presepju mekkaniku, kif ukoll saret wirja ta' presepji żgħar maħduma mis-Sur Michael Cauchi. Din il-wirja ġibdet lejn il-każin ħafna nies u għalhekk nirringrazzja lil kull min ħadem f'din il-wirja tal-inizjattiva li ħadu biex kienet ta' suċċess.

Nixtieq nagħlaq il-messaġġ tiegħi billi nawgura l-festa t-tajba lill-Mellieħin kollha speċjalment l-anzjani u l-morda u nħeġġeġ lil kulħadd sabiex fi spirtu ta' għaqda u ħbiberija nagħmlu festa li tixraq lil Marija Bambina.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

Silhouette
PHOTO STUDIO
TEL: 21 520016
[redacted]
Il-Management u l-iStaff jawguraw il-Festa t-Tajba
[redacted]